**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0212/2018**

21.6.2018

*******

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka
(08166/2018 – C8-0259/2018 – 2018/0067(NLE))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Rolandas Paksas

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................ 6

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ................................................................ 7

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ......... 8

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka (08116/2018 – C8-0259/2018 – 2018/0067(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08116/2018),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/591/KE tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-konklużjoni ta' ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka[1],

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0259/2018),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0212/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-estensjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Istati Uniti tal-Amerka.

[1] ĠU L 284, 22.10.1998, p. 35.

## NOTA SPJEGATTIVA

Is-sħubija strateġika għar-riċerka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka huwa fis-seħħ mill-1998. Il-"Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie ffirmat fil-5 ta' Diċembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ottubru 1998. Minn dakinhar, iġġedded tliet darbiet, fl-2003, fl-2008 u fl-2013.

L-Artikolu 12(b) tal-Ftehim jistipula li "huwa konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin. Suġġett għar-reviżjoni mill-Partijiet fl-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv, il-Ftehim jista' jiġi estiż, b'emendi possibbli, wara dan għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin bi ftehim komuni bil-miktub bejn il-Partijiet." Il-Ftehim attwali jiskadi fl-14 ta' Ottubru 2018.

Fil-preżent l-istrument prinċipali għall-kooperazzjoni huwa l-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iżda huwa importanti li wieħed jinnota li l-Ftehim ma jipprekludi ebda arranġament futur tal-Istati Uniti fil-Programm Qafas li jmiss għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Tabilħaqq, dan il-Ftehim qiegħed hemm biex jipprovdi qafas li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti f'oqsma komuni tax-Xjenza u tat-Teknoloġija (S&T) li jwasslu għal benefiċċji reċiproki, u mhux li jagħti aċċess awtomatiku għal programmi speċifiċi.

L-UE għandha relazzjoni ferm aktar b'saħħitha mal-Istati Uniti fil-qasam tax-Xjenza, tat-Teknoloġija u tal-Innovazzjoni (STI) milli ma' kwalunkwe pajjiż ieħor li mhuwiex fl-Ewropa. Din hija riflessjoni tar-relazzjoni fit-tul speċjali li żviluppat matul id-deċennji li għaddew u li għandha tkompli tissaħħaħ fil-futur. L-Istati Uniti huma l-aktar pajjiż attiv fil-programm Orizzont 2020 f'termini tal-ammonti ta' investimenti reċiproċi fir-riċerka u l-iżvilupp (R&D), il-flussi ta' xjenzati, il-volumi ta' attivitajiet kooperattivi u l-għadd ta' pubblikazzjonijiet u privattivi b'iktar minn awtur wieħed. Żieda fil-kooperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet tista' twassal għal tkabbir ekonomiku sinifikanti, ħolqien ta' impjiegi u titjib fil-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. L-isfidi globali jeżiġu soluzzjonijiet globali konġunti u għalhekk huwa importanti li l-UE u l-Istati Uniti jaħdmu flimkien mill-qrib biex jaslu għalihom.

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, ir-rapporteur jemmen li huwa fl-interess tal-UE li testendi l-"Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka" għal perjodu ġdid ta' ħames snin.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka |
| **Referenzi** | 08166/2018 – C8-0259/2018 – 2018/0067(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni** | 8.6.2018 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>14.6.2018 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>14.6.2018 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | BUDG<br>23.4.2018 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Rolandas Paksas<br>30.4.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 16.5.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 19.6.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 58<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Zigmantas Balčytis, Nikolay Barekov, Bendt Bendtsen, José Blanco López, David Borrelli, Jonathan Bullock, Cristian-Silviu Buşoi, Reinhard Bütikofer, Jerzy Buzek, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Fredrick Federley, Ashley Fox, Adam Gierek, Theresa Griffin, András Gyürk, Kaja Kallas, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Christelle Lechevalier, Edouard Martin, Angelika Mlinar, Dan Nica, Angelika Niebler, Rolandas Paksas, Aldo Patriciello, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Sven Schulze, Neoklis Sylikiotis, Dario Tamburrano, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Henna Virkkunen, Martina Werner, Lieve Wierinck, Anna Záborská, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Françoise Grossetête, Benedek Jávor, Werner Langen, Olle Ludvigsson, Marisa Matias, Rupert Matthews, Dominique Riquet, Michèle Rivasi, Maria Spyraki |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mary Honeyball |
| **Data tat-tressiq** | 21.6.2018 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 58 | + |
|---|---|
| ALDE | Fredrick Federley, Kaja Kallas, Angelika Mlinar, Morten Helveg Petersen, Dominique Riquet, Lieve Wierinck |
| ECR | Nikolay Barekov, Edward Czesak, Ashley Fox, Rupert Matthews, Evžen Tošenovský |
| EFDD | Jonathan Bullock, Rolandas Paksas, Dario Tamburrano |
| ENF | Barbara Kappel, Christelle Lechevalier |
| NI | David Borrelli |
| PPE | Bendt Bendtsen, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Françoise Grossetête, András Gyürk, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Werner Langen, Angelika Niebler, Aldo Patriciello, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Sven Schulze, Maria Spyraki, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Anna Záborská |
| S&D | Zigmantas Balčytis, José Blanco López, Adam Gierek, Theresa Griffin, Mary Honeyball, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Olle Ludvigsson, Edouard Martin, Dan Nica, Miroslav Poche, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |
| VERTS/ALE | Reinhard Bütikofer, Jakop Dalunde, Benedek Jávor, Michèle Rivasi, Claude Turmes |

| 2 | - |
|---|---|
| GUE/NGL | Marisa Matias, Neoklis Sylikiotis |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni